## IL-MERHLA TAL-BNEDMIN

*Ta'* PAWLU AQUILINA

Għajjiena l-merħla l-lum, rasha mitluqa,
Tonfoħ u tilheġ qiegħda tnin kuljum......
Bil-ġuħ, bil-għatx, bla kenn mix-xemx, mix-xita;
Tkaxkar riġlejha tterraq għall-irdum.

Għaddejja, tqila, b'nifs il-mewt ġo fommha,
Taqsam il-blat misnun, ix-xewk, l-għolliq;
Tinżel u titla' mal-widien, mal-għolja,
Tfittex bil-ħerqa, bla ma ssibha, it-triq.

U l-ikel tagħha sefa x-xewk iniggeż,
Il-ħaxix xieref kollu ward l-imrar;
Ix-xorb sefagħlha l-ilma qiegħed, jinten,
Jew kollu tajn, imsewwaq mill-għargħar.

Tilfitha, imsejkna, it-triq bla ħofor, watja,
It-triq moħbija għall-kenn ta' qalb l-għoljiet;
Fejn hemm il-mergħa tħaddar ta' tfulitha,
Fejn hienja, qalb il-ward, kienet trabbiet......

Fejn bnina u ratba l-ħdura, safi l-ilma
Li taha l-ħajja. Fietla x-xemx kuljum.
Hanina x-xita. Tfawwar in-nixxiegħa
Is-saħħa safja tal-blatiet tar-rdum.

U r-ragħaj ħallietu jiġri wrajha, isejjaħ......
Fil-baħħ tax-xagħri, qalb l-għoljiet żonqrin.
Quddiem qed timxi hi...... fiċ-ċpar, fid-dalma,
Fejn forsi sfaw uliedha mitlufin!